**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' il-5 ta' Dicembru 2022**

**Rikors Numru : 395/2022 JPG**
**Kawza Numru : 34**

**JC**
**Vs**
**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JC datat 20 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sitta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (26/09/1982) ġewwa Tas-Sliema skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A u minn liema żwieġ huma kellhom tliet itfal, li huma MC li twieled nhar X, CC illi twieldet nhar Y u JC illi twieldet nhar Z u għaldaqstant illum huma kollha maġġorenni (vide ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkat bhala Dok B, Dok C u Dok D rispettivament) b' dan illi ż-żigħra fosthom JC tbati' minn debilita' mentali u epilessija;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-ħdax ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (11/08/2015) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar James Grech, kopja tal-istess kuntratt qedgħha tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok D;*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji ġodda;*

4. *Illi skond il-klawsola 4 (a) tal-kuntratt tas-separazzjoni fuq su riferit il-partijiet kienu iddikjaraw b' mod assolut u irrevokabbli li t-tnejn li huma iddekadew minn kull dritt illi jitolbu manteniment mingħand xulxin għal dak li jikkonċerna l-bżonnijiet personali tagħhom;*

5. *Illi skond l-artikolu 4 (b) tal-kuntratt ta-seprazzjoni fuq su riferit il-konvenuta kienet avvanzat fil-konfront tal-attur talba għall-manteniment fl-interess tat-tifla JC abbażi tal-artikolu 3B (2) (b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tali talba kienet ġiet tranżatta billi l-partijiet kienu ftehmu li tali manteniment futur ikun kapitalizzat u minflokk somma il-mara kienet ġiet assenjata porzjoni ikbar mil-komunjoni tal-akkwisti fejn fil-fatt kienet ġiet assenjata id-dar matrimonjali kollha;*

6. *Illi r-rikorrent qiegħed jiddikjara li qatt ma kien hemm problemi fit-twettieq ta xi obbligazzjoni illi huwa kellu jsegwi u li kienu naxxenti mill-kuntratt ta-seprazzjoni fuq su riferit;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant umilment qiegħed jintalab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li taqra hekk (Vide Fol 21):

*Illi hemm qbil mar-rikorrenti illi m'hemm l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni pero' ticcara illi hija m'ghandhiex relazzjoni ma' persuni ohra, a kuntrarju ta' dak sottomess minnu.*

*Illi tikkonferma illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet pendenti ta' manteniment.*

*Illi l-unika nuqqas li qieghed jirrizulta u li l-esponenti qieghda taffacja ruhha bih huwa illi nonstante illi r-rikorrent obbliga ruhu li jzur* ***<u>kemm jista'</u>*** *lil bintu JC, dan l-ahhar ossia f'dawn l-ahhar gimghat, l-istess rikorrenti skarta bl-izjed mod frekwenti dan l-obbligu minnu promess. Filwaqt illi l-esponenti tifhem in-natura tax-xoghol u filwaqt ukoll illi tifhem illi jista' jkun hemm perjodu ta' granet li fihom ir-rikorrenti jista' jkun konvalixxenti, hija xorta tfakkar fil-bzonn u n-necessita' illi tali obbligu jibqa' jigi mhares bil-mod u l-frekwenza li kienet maqbula ai termini tal-kundizzjonijiet kuntrattwali tas-separazzjoni -* ***<u>u dan b'rispett, b'imhabba u b'attenzjoni li jisthoqq lit-tifla JC.</u>***

*Illi ghalhekk u minkejja illi l-esponenti tifhem, taghder, u bl-ebda mod m'hija topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti, hija qieghda sempliciment tirrimarka n-necessita' illi tali obbligu jibqa' jigi mhares mill-missier rikorrent.*

*Illi ic-cirkustanzi huma tali li jissudisfaw id-dettami tal-Ligi ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti li tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.*

Rat il-verbal tal-10 ta' Novembru 2022 fejn l-attur iddikjara li ma ghandux aktar provi

x'jipproduci. (Vide Fol 22.)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1982 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggjorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Awwissu 2015 fl-atti tan- Nutar James Grech. Jghid illi ghaddew kwazi seba' snin minn meta ilhom de jure mifrudin minn xulxin u qabel dan kienu ilhom sentejn ohra separati de facto minn xulxin. Xehed illi ma hemm ebda manteniment dovut.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 24 et seq) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

*flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1982, liema zwieg jgib certifikat numru 1878/1982 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech nhar il-11 t'Awwissu 2015 (vide Dok 'F' fol 13 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1878/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**